KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
MENGOZZI
ippreżentati fid-19 ta' Ottubru 2016 [1]

Kawża C-558/15

Alberto José Vieira de Azevedo,
Maria da Conceição Ferreira da Silva,
Carlos Manuel Ferreira Alves,
Rui Dinis Ferreira Alves,
Vítor José Ferreira Alves,
vs
C.E.D. Portugal Unipessoal, Lda,
Instituto de Seguros de Portugal - Fundo de Garantia Automóvel

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal da Relação do Porto (qorti tal-appell ta' Porto, il-Portugall)]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Polza ta' assigurazzjoni ta' responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur — Rappreżentant għall-pretensjonijiet — Impriża tal-assigurazzjoni — Setgħat ta' rappreżentanza legali — Persuni leżi — Stat Membru tad-domiċilju"

I – Introduzzjoni

1. Fis-17 ta' Ottubru 2007, seħħ inċident tat-traffiku fuq awtostrada fi Spanja, li kkawża l-mewt ta' persuna u korra lil oħra. Is-sewwieq, ta' nazzjonalità Portugiża u impjegat ta' kumpannija rreġistrata fil-Portugall, tilef il-kontroll tal-vettura tal-kiri li kienet tintuża mill-imsemmija kumpannija. Il-vettura li kkawżat l-inċident kienet assigurata mill-proprjetarju tagħha mal-kumpannija Helvetia Seguros, stabbilita fi Spanja u li r-rappreżentant maħtur tagħha fil-Portugall huwa C.E.D. Portugal Unipessoal, Lda (iktar 'il quddiem "C.E.D."). Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali huma, minn naħa, il-vittma superstiti u, min-naħa l-oħra, id-detenturi tad-drittijiet tal-persuna maqtula fl-inċident.

2. Sabiex jinkiseb kumpens għad-dannu mġarrab fl-inċident quddiem il-qorti tal-Prim' Istanza Portugiża, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ħarrku lil C.E.D. b'mod prinċipali u lill-Fundo de Garantia Automóvel b'mod sussidjarju. B'mod partikolari fuq il-bażi tal-kontenut tal-kuntratt ta' rappreżentanza li jorbot lil C.E.D. ma' Helvetia Seguros, il-qorti madankollu kkonstatat in-nuqqas ta' kapaċità ta' C.E.D. li titressaq quddiem il-qorti u ċaħdet ir-rikors.

3. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali appellaw kontra din is-sentenza quddiem il-qorti tar-rinviju. Din tal-aħħar qieset li ma teżistix dispożizzjoni nazzjonali li tattribwixxi b'mod ċar lir-rappreżentanti Portugiżi tal-impriżi tal-assigurazzjoni li jeżerċitaw l-attività tagħhom fit-territorju ta' Stat Membru ieħor il-kapaċità li jitressqu, bħala konvenuti, quddiem qorti Portugiża fil-kuntest ta' rikors

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

għall-kumpens ippreżentat mill-vittma ta' inċident tat-traffiku li seħħ 'il barra mit-territorju tal-Istat Membru tar-residenza tagħha [2] u li jinvolvi vettura assigurata minn waħda mill-imsemmija impriżi. Din il-qorti tenfasizza wkoll li dan il-punt huwa s-suġġett ta' pożizzjonijiet kontrastanti, kemm fil-ġurisprudenza kif ukoll fid-duttrina Portugiża.

4. Il-qorti tar-rinviju tinnota wkoll li l-obbligu impost fuq l-impriżi tal-assigurazzjoni li għandhom is-sede tagħhom f'wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li jaħtru rappreżentant għal kull wieħed mill-Istati Membri l-oħra, joriġina mid-Direttiva 2000/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Mejju 2000, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward l-assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE u 88/357/KEE (Ir-raba' Direttiva dwar assigurazzjoni għall-vetturi) [3].

5. Fil-fatt, l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2000/26 jistabbilixxi li "[r]-rappreżentant tal-pretensjonijiet għandu, fir-rigward ta' dawn il-pretensjonijiet, jiġbor l-informazzjoni kollha meħtieġa inkonnessjoni mal-pagament għall-pretensjonijiet u għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jinnegozja l-pagament tal-pretensjonijiet. Il-ħtieġa li jkun maħtur rappreżentant tal-pretensjonijiet m'għandhiex tippreġudika d-dritt tal-parti danneġġjata [persuna leża] jew ta' l-impriża tagħha ta' assigurazzjoni li tibda proċeduri diretti kontra l-persuna li tkun ikkawżat l-inċident jew l-impriża ta' l-assigurazzjoni tagħha".

6. L-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2000/26 jipprevedi li "[r]appreżentanti tal-pretensjonijiet għandu jkollhom poteri biżżejjed [setgħat suffiċjenti] biex jirrappreżentaw l-impriża ta' assigurazzjoni fir-rigward ta' partijiet danneġġjati [persuni leżi] fil-każijiet li jirreferi għalihom l-Artikolu 1 u li jissodisfaw it-talbiet tagħhom bis-sħiħ. Għandhom ikunu kapaċi li jeżaminaw każijiet fil-lingwa/lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru tar-residenza tal-parti danneġġjata".

7. L-Artikolu 4(8) tad-Direttiva 2000/26, ġie emendat mid-Direttiva 2005/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 72/166/KEE, 84/5/KEE, 88/357/KEE u 90/232/KEE u d-Direttiva 2000/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward ta' l-użu ta' vetturi bil-mutur [4] u barra minn hekk jipprecíża li "[l]-ħatra ta' rappreżentant ta' pretensjonijiet m'għandhiex fiha nnifisha tikkostitwixxi l- ftuħ ta' fergħa fis-sens tat-tifsira ta' l-Artikolu 1(b) tad-Direttiva 92/49/KEE [tal-Kunsill, tat-18 ta' Ġunju 1992 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu ma assigurazzjoni diretta barra minn assigurazzjoni tal-ħajja u temenda d-Direttivi 73/239/KEE u 88/357/KEE (it-Tielet Direttiva dwar assigurazzjoni mhux tal-ħajja)] u r-rappreżentant tal-pretensjonijiet m'għandux jitqies bħala stabbiliment fis-sens tat-tifsira ta' l-Artikolu 2(ċ) tad-Direttiva 88/357/KEE jew […] stabbiliment fis-sens tat-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 44/2001".

2 — Għalkemm il-kuntest ġuridiku nazzjonali ma jirriżultax b'mod ċar mill-fajl, il-qorti tar-rinviju ssemmi, bħala dispożizzjoni rilevanti u applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali, l-Artikolu 43 tad-Digriet-Liġi Nru 522/85, tal-31 ta' Diċembru 1985, dwar l-assigurazzjoni obbligatorja ta' responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur, kif emendat mid-Digriet-Liġi Nru 72-A/2003 (iktar 'il quddiem id-"Digriet-Liġi Nru 522/85"). Din id-dispożizzjoni tobbliga lill-kumpanniji tal-assigurazzjoni stabbiliti fil-Portugall u lill-kumpanniji li għandhom is-sede tagħhom fi Stat terz u fergħat li jinsabu fil-Portugall biex jagħżlu rappreżentant f'kull wieħed mill-Istati Membri l-oħra tal-Unjoni "li se jkun responsabbli għall-indirizzar u l-pagament, fil-pajjiż ta' residenza tal-vittma, tal-pretensjonijiet li jkunu saru fi Stat ieħor li ma huwiex dak ta' residenza [tagħha]" (l-Artikolu 43(1) tad-Digriet-Liġi Nru 522/85). Din tiddefinixxi wkoll l-obbligi li se jkollu jissodisfa l-imsemmi rappreżentant billi tipprevedi li dan se jkollu "setgħat biżżejjed biex jirrappreżenta lill-kumpannija ta' assigurazzjoni fir-rigward ta' persuni leżi […] u biex jissodisfa t-talbiet tagħhom għal kumpens bis-sħiħ" (l-Artikolu 43(3) tad-Digriet-Liġi Nru 522/85), li se jiġbor "l-informazzjoni kollha neċessarja b'rabta mal-pagament tal-pretensjonijiet inkwistjoni" u jieħu "l-miżuri neċessarji biex jinnegozja l-pagament tagħhom" (l-Artikolu 43(4) tad-Digriet-Liġi Nru 522/85).
Minkejja li ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tiddetermina liema huwa d-dritt nazzjonali applikabbli għall-fatti tal-kawża prinċipali, għandu jiġi nnotat li l-Artikolu 43 tad-Digriet-Liġi Nru 522/85 għandu l-għan li jirregola l-istatus tar-rappreżentanti, *li jinsabu fit-territorju ta' Stati Membri oħra*, tal-kumpanniji ta' assigurazzjoni li għandhom is-sede tagħhom jew fergħa fil-Portugall, kif tistieden li jsir il-premessa 15 tad-Direttiva 2000/26. Dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jinvolvi lir-rappreżentant ta' impriża tal-assigurazzjoni li għandha s-sede tagħha fi Spanja inkarigat bil-pagament ta' pretensjonijiet fil-Portugall. Il-qorti tar-rinviju ma ssemmix dispożizzjoni li tiddefinixxi, strettament, l-istatus u l-portata tal-missjonijiet tar-rappreżentanti li jinsabu fit-territorju Portugiż.

3 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 3, p. 331.

4 — ĠU 2005 L 149, p. 14.

8. Il-qari tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/26 biss għalhekk ma jippermettix lill-qorti tar-rinviju tiddeċiedi dwar it-tilwima pendenti quddiemha mingħajr il-kjarifika tal-Qorti tal-Ġustizzja, peress li l-kunċett ta' "poteri biżżejjed" [setgħat suffiċjenti] li għandu jkollu r-rappreżentant għall-pretensjonijiet ma huwiex ċar biżżejjed sabiex jiġi ddeterminat jekk dan jinkludix il-possibbiltà għall-vittmi ta' inċidenti tat-traffiku li jressqu lill-imsemmi rappreżentant direttament quddiem il-qrati nazzjonali tal-post ta' residenza tagħhom.

9. Ikkonfrontata b'hekk b'diffikultà ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, it-Tribunal da Relação do Porto (qorti tal-appell ta' Porto, il-Portugall) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u, permezz ta' deċiżjoni li waslet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-2 ta' Novembru 2015, li tagħmel lil din tal-aħħar id-domandi preliminari li ġejjin:

"1) [Il]-premessa 16a [introdotta fid-Direttiva 2000/26 mid-Direttiva 2005/14] u [l]-Artikolu 4(4), (5) u (8) [tad-Direttiva 2000/26] [jippermettu] li titressaq azzjoni kontra r-rappreżentant tal-kumpannija ta' assigurazzjoni li ma toperax fil-pajjiż fejn tressqet l-azzjoni ġudizzjarja għad-danni minħabba inċident tat-traffiku, abbażi tal-polza ta' assigurazzjoni obbligatorja ta' responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur stabbilita fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea?

2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv, din l-azzjoni ġudizzjarja hija suġġetta għall-klawżoli konkreti tal-kuntratt ta' rappreżentanza li jorbot lir-rappreżentant mal-kumpannija ta' assigurazzjoni?"

10. Dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari bbenefika minn osservazzjonijiet bil-miktub ippreżentati mill-Fundo de Garantia Automóvel, ir-Repubblika Portugiża kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea.

II – Analiżi ġuridika

11. X'inhu s-sinjifikat tal-previżjoni li skontha r-rappreżentant għall-pretensjonijiet, skont id-Direttiva 2000/26, għandu jkollu "poteri biżżejjed [setgħat suffiċjenti] biex jirrappreżent[a] l-impriża ta' assigurazzjoni fir-rigward ta' partijiet danneġġjati [persuni leżi] […] u li jissodisfa[] it-talbiet tagħhom bis-sħiħ"[5]? Il-leġiżlatur tal-Unjoni hawnhekk xtaq jinkludi, għall-vittmi li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, il-possibbiltà li jressquh direttament quddiem il-qrati tal-Istat Membru ta' residenza tagħhom? Din hija l-problema legali prinċipali mqajma mid-domandi preliminari magħmula mill-qorti tar-rinviju li jien se nikkunsidra flimkien.

12. Hija ġurisprudenza stabbilita li, għall-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tagħha, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li din id-dispożizzjoni tagħmel parti minnha[6]. Fl-ewwel lok, jien se nanalizza l-istatus tar-rappreżentant għall-pretensjonijiet kif inhu ddefinit fid-Direttivi 2000/26 u 2005/14. L-analiżi testwali għandha tiġi kkompletata, fit-tieni lok, minn analiżi kuntestwali, teleoloġika u sistematika tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni.

5 — Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2000/26.

6 — Ara s-sentenza tas-26 ta' Marzu 2015, Litaksa (C-556/13, EU:C:2015:202, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

A – *Ir-rappreżentant għall-pretensjonijiet fid-Direttivi 2000/26 u 2005/14*

13. Bħall-Ewropa, il-leġiżlazzjoni dwar l-assigurazzjoni ta' responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur ma saritx f'ġurnata, bħalma tixhed is-serje ta' direttivi adottati skont l-iżvilupp tat-tħassib tal-leġiżlatur[7]. Dak li jkun irid jistenna d-Direttiva 2000/26, jiġifieri r-raba' waħda adottata dwar dan is-suġġett, biex jiġi stabbilit rappreżentant għall-pretensjonijiet.

14. L-għan ta' din id-Direttiva huwa li timla l-lakuni[8] tad-direttivi preċedenti billi tistabbilixxi "dispożizzjonijiet speċjali applikabbli għal partijiet li jsofru danni [persuni leżi] intitolati għal kumpens fir-rigward ta' telf jew korriment li jirriżulta minn inċidenti li jseħħu fi Stat Membru minbarra dak l-Istat Membru tar-residenza tal-parti danneġġjata li jkunu ikkawżati mill-użu ta' vetturi assigurati u normalment ibbażati fi Stat Membru"[9]. F'din il-perspettiva, l-impriżi kollha ta' assigurazzjoni jaħtru b'mod liberu[10], f'kull Stat Membru minbarra dak li fih ikunu rċevew l-awtorizzazzjoni uffiċjali tagħhom, rappreżentant għall-pretensjonijiet, li jkun residenti jew stabbilit fl-Istat Membru fejn huwa jkun maħtur u li l-missjoni tiegħu tkun l-indirizzar u l-pagament tal-pretensjonijiet[11]. Għal dan l-għan, huwa għandu jiġbor l-informazzjoni kollha neċessarja, jieħu l-miżuri meħtieġa biex jinnegozja l-pagament tal-pretensjonijiet[12] u jkollu biżżejjed setgħat biex jirrappreżenta lill-impriża tal-assigurazzjoni fir-rigward ta' vittmi kif ukoll biex jissodisfa t-talbiet għal kumpens tagħhom *bis-sħiħ*[13].

15. Fl-istess ħin, il-leġiżlatur tal-Unjoni iqis li "[l]-ħtieġa li jkun maħtur rappreżentant tal-pretensjonijiet *m'għandhiex tippreġudika* d-dritt tal-parti danneġġjata [persuna leża] jew ta' l-impriża tagħha ta' assigurazzjoni li tibda proċeduri diretti kontra l-persuna li tkun ikkawżat l-inċident jew l-impriża ta' l-assigurazzjoni tagħha"[14]. Din il-preċiżazzjoni ma kinitx tkun utli li kieku dan il-leġiżlatur stess ma qiesx possibbli li titressaq kawża kontra r-rappreżentant għall-pretensjonijiet stess.

16. Fl-aħħar nett, il-leġiżlatur ried jippreċiża li l-ħatra ta' rappreżentant għall-pretensjonijiet ma tikkostitwixxix, fiha nnifisha, il-ftuħ ta' fergħa[15] u li r-rappreżentant innifsu ma jistax jitqies bħala stabbiliment[16].

17. Il-missjoni, il-funzjonijiet u d-dmirijiet tar-rappreżentant għall-pretensjonijiet ma nbidlux fid-Direttiva 2009/103[17] li hija sempliċiment direttiva ta' kodifikazzjoni. Dan ifisser li ma saret l-ebda preċiżazzjoni, fit-test, fuq dak li jkopru l-"poteri biżżejjed [setgħat suffiċjenti]"[18] u li l-leġiżlatur, mingħajr ma jeskludih, ma ħax pożizzjoni espliċita dwar il-fatt jekk ir-rappreżentant għall-pretensjonijiet setax jitressaq direttament, mill-persuni leżi fl-inċident li seħħ 'il barra

7 — Biex infakkar, l-ewwel direttiva hija d-Direttiva tal-Kunsill 72/166/KEE, tal-24 ta' April 1972, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 10). Isegwu t-Tieni Direttiva tal-Kunsill 84/5/KEE, tat-30 ta' Diċembru 1983, (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 3) imbagħad it-Tielet Direttiva tal-Kunsill, tal-14 ta' Mejju 1990 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 249) kif ukoll id-Direttiva 2000/26. Dawn id-direttivi, barra minn hekk, kellhom jiġu emendati mid-Direttiva 2005/14 qabel ma jiġu kkodifikati mid-Direttiva 2009/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Settembru 2009, dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà (ĠU 2009 L 263, p. 11).

8 — Ara l-premessa 8 tad-Direttiva 2000/26.

9 — Artikolu 1 tad-Direttiva 2000/26. Ara wkoll l-premessa 11 tad-Direttiva 2000/26.

10 — L-għażla libera tar-rappreżentant għall-pretensjonijiet hija żgurata mill-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2000/26.

11 — Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2000/26.

12 — Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2000/26. Ara, ukoll, il-premessa 15 tad-Direttiva 2000/26.

13 — Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2000/26.

14 — Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2000/26. Korsiv miżjud minni.

15 — Fis-sens tal-Artikolu 1(b) tad-Direttiva 92/49 (ara l-Artikolu 4(8) tad-Direttiva 2000/26).

16 — Ara l-Artikolu 4(8) tad-Direttiva 2000/26 kif emendat mid-Direttiva 2005/14.

17 — Ara l-premessi 34 sa 40, 43, 47 u 50 kif ukoll l-Artikoli 21 u 22 tad-Direttiva 2009/103. Għandu jiġi nnotat li l-kontenut tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/26 ġie sempliċiment organizzat mill-ġdid u maqsum f'żewġ artikoli separati fid-Direttiva 2009/103.

18 — Fis-sens tal-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2000/26 u tal-Artikolu 21(5) tad-Direttiva 2009/103.

mit-territorju nazzjonali, quddiem il-qrati tal-post ta' residenza tagħhom. Il-konklużjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja siltet, fir-rigward tal-Artikolu 21(5) tad-Direttiva 2009/103, li skontha "din id-dispożizzjoni li tiffissa b'dan il-mod l-għan ta' din ir-rappreżentazzjoni, ma tippreċiżax il-portata eżatta tal-poteri mogħtija sabiex jintlaħaq dan l-għan"[19] għalhekk tista' assolutament tiġi trasposta għal dak li jikkonċerna l-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2000/26. Għalhekk jidher neċessarju li ngħaddi għall-analiżi kuntestwali, teleoloġika u sistematika.

B – *Analiżi kuntestwali, teleoloġika u sistematika*

18. L-analiżi tat-test tad-Direttiva 2000/26 tgħallimna li l-"poteri biżżejjed [setgħat suffiċjenti]" tar-rappreżentant għall-pretensjonijiet għandhom jiġu ddefiniti b'tali mod li jippermettulu jwettaq iż-żewġ missjonijiet essenzjali mogħtija lilu, jiġifieri dik li "jirrappreżent[a] l-impriża ta' assigurazzjoni fir-rigward ta' partijiet danneġġjati [persuni leżi]" u dik li "jissodisf[a] it-talbiet [għal kumpens tal-vittmi] *bis-sħiħ*"[20]. Din il-preżentazzjoni tat-test litterali tad-Direttiva 2000/26 madankollu ma tkunx kompleta jekk wieħed ma jqisx ukoll ċerti spjegazzjonijiet mogħtija mill-premessi tagħha.

19. Għalhekk il-leġiżlatur tal-Unjoni ppreċiża li s-sistema ta' rappreżentant għall-pretensjonijiet "ma taffetwa la s-sustanza tal-liġi li għandha tkun applikata f'kull każ individwali u lanqas il-kwistjoni ta' ġurisdizzjoni"[21]. Għal darba oħra, din il-preċiżazzjoni fir-rigward tad-dritt sostantiv applikabbli u d-determinazzjoni tal-ġurisdizzjoni timplika li jista' jiġi attribwit rwol ġudizzjarju lil dan ir-rappreżentant. Bl-istess mod, huwa ppreċiżat ukoll li l-attivitajiet ta' dan tal-aħħar "mhumiex biżżejjed sabiex jagħtu ġurisdizzjoni lill-qrati ta' l-Istat Membru tar-residenza tal-parti li tkun sofriet danni jekk ir-regoli tal-liġi privata internazzjonali dwar l-assenjazzjoni ta' ġurisdizzjoni ma jkunux jipprovdu dan"[22]. Għalhekk, il-parteċipazzjoni tar-rappreżentant għall-pretensjonijiet f'kawżi possibbli ma tistax tiġi eskluża.

20. B'mod parallel għall-prekawzjonijiet meħuda mil-leġiżlatur fir-rigward tal-impatti possibbli tal-intervent tar-rappreżentant għall-pretensjonijiet fuq id-determinazzjoni tar-regoli ta' ġurisdizzjoni u tad-dritt internazzjonali privat, il-vittmi għandhom dritt li jressqu azzjoni diretta kontra l-impriża ta' assigurazzjoni li tinsab fit-territorju ta' Stat Membru ieħor. Madankollu, dan id-dritt li jressqu azzjoni ma huwiex ippreżentat bħala l-mod esklużiv għas-soluzzjoni ġudizzjarja tal-pretensjonijiet iżda biss bħala "*supplement loġiku* għall-ħatra ta' [dan ir-rappreżentant] u […] [*itejjeb*] *il-pożizzjoni legali* [tal-vittmi]"[23]. Il-preambolu tad-Direttiva, barra minn hekk, ġie estiż, wara l-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali[24], bi premessa 16a[25] li skontha, b'konformità mal-Artikolu 11(2), moqri flimkien mal-Artikolu 9(1)(b) ta' dan ir-regolament, il-vittmi *jistgħu* jressqu kawża *kontra l-assiguratur* ta' responsabbiltà ċivili fl-Istat Membru fejn huma domiċiljati. Fil-prinċipju, il-vittmi għalhekk jistgħu wkoll iressqu lill-impriżi tal-assigurazzjoni quddiem il-qrati tal-Istat Membru ta' residenza tagħhom.

21. Skont id-dispożizzjonijiet normattivi tad-direttiva kif ukoll il-premessi tagħha, jidher possibbli li titressaq azzjoni ġudizzjarja mill-persuni leżi kemm direttament kontra l-impriżi ta' assigurazzjoni kif ukoll kontra r-rappreżentant tagħha, hekk kif il-leġiżlatur tal-Unjoni jidher li jħalli ż-żewġ rimedji miftuħa.

19 — Sentenza tal-10 ta' Ottubru 2013, Spedition Welter (C-306/12, EU:C:2013:650, punt 18).

20 — Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2000/26. Korsiv miżjud minni.

21 — Premessa 13 tad-Direttiva 2000/26.

22 — Premessa 16 tad-Direttiva 2000/26.

23 — Premessa 14 tad-Direttiva 2000/26. Korsiv miżjud minni.

24 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42.

25 — Miżjuda mad-Direttiva 2000/26 mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 2005/14.

22. Il-qari tal-premessi għalhekk jiċċara xi ftit il-loġika interna tad-Direttiva 2000/26. Madankollu, għad irid jiġi vverifikat li l-konklużjoni intermedjarja tiegħi, ibbażata fuq l-analiżi litterali u kuntestwali ta' din id-direttiva, ma hijiex kontradetta mill-interpretazzjoni teleoloġika li għandha tinżamm.

23. Id-Direttiva 2000/26 issegwi l-għan li tiggarantixxi lill-vittmi ta' inċident tat-traffiku trattament komparabbli, irrispettivament minn fejn seħħ l-inċident [26]. Dan jimplika li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni d-differenza fis-sitwazzjoni oġġettiva li jinsabu fiha l-vittmi ta' inċidenti li seħħew 'il barra mit-territorju tal-Istat Membru li huma residenti fih, biex jiġu kkumpensati billi jiġu ffaċilitati, konsegwentement, il-passi li dawn jieħdu [27]. Il-faċilitazzjoni tal-proċessi, f'għajnejn il-Qorti tal-Ġustizzja, hija l-funzjoni essenzjali tar-rappreżentant għall-pretensjonijiet [28]. F'dan ir-rigward, is-sistema implementata mid-Direttiva 2000/26 tipprevedi, pereżempju, li l-ilmenti jistgħu jitressqu fil-lingwa tal-vittma [29] lill-imsemmi rappreżentant li quddiemu jistgħu jittieħdu l-passi preliminari kollha għall-kumpens.

24. Naturalment għandu jiġi rrikonoxxut li l-"kapaċità li jitressaq quddiem il-qorti" tar-rappreżentant inkarigat mir-riżoluzzjoni ta' tilwim, jiġifieri l-"kapaċità tiegħu li jiddefendi", [30] tkun tissodisfa bis-sħiħ l-għan imfittex mid-Direttiva 2000/26. Fil-fatt, huwa fir-rigward tiegħu li jittieħdu l-"passi preliminari" [31] mill-vittmi u huwa possibbli wkoll li huwa l-uniku interlokutur tagħhom. Għaldaqstant, is-segwitu loġiku, l-istadju ulterjuri li jmiss huwa li jiġi rrikonoxxut li l-azzjoni mressqa minn dawn il-vittmi kontra r-rappreżentant tal-kumpannija ta' assigurazzjoni ġiet indirizzata korrettament, speċjalment peress li jingħatalu rwol attiv fil-proċess tal-kumpens. Fil-fehma tiegħi, biex jiġu ssodisfatti bis-sħiħ it-talbiet għal kumpens, li hija waħda mill-missjonijiet mogħtija mid-Direttiva 2000/26 lir-rappreżentant għall-pretensjonijiet, jeħtieġ li jkun jista' jingħatalu rwol fil-proċedura ġudizzjarja – u ma tagħmilx differenza liema – jista' jiġi assenjat lilu: dak ta' konvenut.

25. Huwa wkoll b'dan il-mod li nifhem it-titjib fil-pożizzjoni legali tal-vittmi, prevista fil-premessa 14 tad-Direttiva 2000/26. Jekk wieħed iħares lejn il-kuntest tal-kawża prinċipali, ikun diffiċli biex dawn il-vittmi jifhmu li l-azzjoni tagħhom tkun ġiet miċħuda għal raġuni xi ftit formalista – fid-dawl tar-rabtiet mill-qrib li jorbtu lill-impriża ta' assigurazzjoni mar-rappreżentant għall-pretensjonijiet maħtur – minħabba li din ġiet indirizzata kontra l-imsemmi rappreżentant u mhux kontra l-impriża ta' assigurazzjoni nnifisha.

26. Jibqa' l-fatt li l-maġġoranza tal-partijiet ikkonċernati li pparteċipaw fil-proċedura bil-miktub insistew ħafna fuq il-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja qieset, fis-sentenza tal-10 ta' Ottubru 2013 Spedition Welter [32], li l-mandat tar-rappreżentant għall-pretensjonijiet kien limitat u li din il-limitazzjoni tkun tfisser li dan ir-rappreżentant ma jistax jitressaq quddiem il-qrati tal-Istat Membri ta' residenza tal-persuni leżi. Dan l-argument jibbaża, fil-fehma tiegħi, fuq qari imperfett tas-sentenza inkwistjoni, li għalhekk se jkolli mmur lura għaliha.

27. Din il-kawża kienet tirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk il-kunċett ta' "poteri biżżejjed [setgħat suffiċjenti]" kellux jinkludi l-awtorizzazzjoni tar-rappreżentant għall-pretensjonijiet biex jirċievi b'mod validu n-notifika tal-atti ġudizzjarji neċessarji biex titressaq kawża għad-danni kkawżati minn inċident quddiem il-qorti li għandha ġurisdizzjoni.

26 — Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-10 ta' Ottubru 2013, Spedition Welter (C-306/12, EU:C:2013:650, punt 19).

27 — Ara s-sentenza tal-10 ta' Ottubru 2013, Spedition Welter (C-306/12, EU:C:2013:650, punt 24).

28 — Sentenza tal-10 ta' Ottubru 2013, Spedition Welter (C-306/12, EU:C:2013:650, punt 24).

29 — *Idem.*

30 — Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Darmon fil-kawża Il-Parlament vs Il-Kunsill (302/87, EU:C:1988:263, punt 8).

31 — Sentenza tal-10 ta' Ottubru 2013, Spedition Welter (C-306/12, EU:C:2013:650, punt 24).

32 — (C-306/12, EU:C:2013:650).

28. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "[l]-vittmi għandhom ikunu jistgħu jinvokaw, fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom, id-dritt tagħhom għal kumpens *kontra r-rappreżentant* għall-pretensjonijiet maħtur f'dak l-Istat Membru mill-impriża ta' assigurazzjoni tal-persuna responsabbli"[33]. Din kompliet billi affermat li l-premessa 37 tad-Direttiva 2009/103 – li hija ekwivalenti għall-premessa 15 tad-Direttiva 2000/26 – kienet tobbliga lill-Istati Membri jagħtu lir-rappreżentanti inkwistjoni biżżejjed setgħat biex jirrappreżentaw lill-impriża tal-assigurazzjoni mhux biss fir-rigward tal-vittmi iżda wkoll quddiem awtoritajiet nazzjonali, "inklużi, meta xieraq, quddiem il-qrati, sa fejn dan ikun kompatibbli mar-regoli tal-liġi privata internazzjonali"[34]. Din ikkonkludiet li, "mingħajr ma tikkomprommetti l-osservanza tal-liġi privata internazzjonali, ir-rappreżentazzjoni tal-impriżi ta' assigurazzjoni kif prevista [mid-Direttiva 2000/26] tinkludi dak kollu li għandu jippermetti li l-persuni li sofrew ħsara [persuni leżi] jkunu jistgħu jibdew b'mod validu quddiem il-qrati nazzjonali l-azzjonijiet għal kumpens tad-dannu li sofrew"[35]. Dawn it-tagħlimiet huma importanti għall-kawża tagħna fir-rigward tal-kwistjoni tal-kapaċità li titressaq kawża kontra persuna.

29. Madankollu, wara dan ir-rikonoxximent wiesa' evidenti tas-setgħat tar-rappreżentant għall-pretensjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li hawnhekk irrepetiet il-konklużjonijiet tal-avukat ġenerali tagħha, ippreċiżat b'dan li ġej li mix-xogħol preparatorju għad-Direttiva 2000/26 kien jirriżulta li "s-setgħa ta' rappreżentazzjoni eżerċitata minn assiguratur fl-Istat ta' residenza tal-vittma, fl-intenzjoni tal-leġiżlatur, kellha tinkludi mandat li jawtorizza persuna tirċievi notifiki ta' atti ġudizzjarji, *anki jekk ta' natura limitata* peress li dan ma għandux jaffettwa r-regoli tal-liġi privata internazzjonali dwar l-assenjazzjoni ta' ġurisdizzjoni"[36]. Din l-affermazzjoni tal-aħħar għalhekk tapplika biss għal dak li jirrigwarda l-mandat partikolari tar-rappreżentant li jirċievi n-notifiki indirizzati lill-impriża tal-assigurazzjoni meta l-azzjoni tkun tressqet kontriha.

30. Din il-kawża tagħna tinvolvi xenarju notevolment differenti. Fil-fatt, din ma tirrigwardax azzjoni mressqa kontra l-impriża tal-assigurazzjoni permezz tar-rappreżentant li jirċievi n-notifika tagħha iżda tirrigwarda l-possibbiltà għall-vittmi li jindikaw lir-rappreżentant għall-pretensjonijiet bħala konvenut tal-azzjoni tagħhom. Id-differenza hija importanti. Fl-ewwel każ, jistgħu jsiru domandi delikati b'rabta mal-istatus ta' parti konvenuta tal-impriża ta' assigurazzjoni b'mod leġittimu[37], li jiġġustifika effettivament, bħalma għamlet il-Qorti tal-Ġustizzja, li fir-rigward tar-rappreżentant għall-pretensjonijiet jiġi rrikonoxxut biss mandat ta' rappreżentazzjoni limitata. Fit-tieni każ, għall-inqas fl-ewwel lok, dan jirrigwarda relazzjoni ġuridika iktar sempliċi bejn żewġ protagonisti, jiġifieri l-vittma (ir-rikorrenti) u r-rappreżentant għall-pretensjonijiet li fir-rigward tiegħu jrid jiġi ddeterminat jekk għandux il-kwalità li jiddefendi kill-impriża ta' assigurazzjoni quddiem il-qorti.

31. Huwa għalhekk f'dan l-istadju tal-analiżi li jidher il-fatt li, għall-kuntrarju ta' dak li tagħti x'jifhem il-qorti tar-rinviju fit-tieni domanda tagħha, il-kwistjoni tal-kapaċità tar-rappreżentant għall-pretensjonijiet li jitressaq il-qorti hija fil-fatt indipendenti, skonnessa mill-kontenut konkret tal-mandat li jorbot lil dan ir-rappreżentant mal-impriża tal-assigurazzjoni. Sabiex twassal għal trattament komparabbli tal-vittmi u biex tiffaċilita l-passi tagħhom, inkluż meta dawk ikunu impriżi quddiem qorti, il-kwalità tar-rappreżentant għall-pretensjonijiet li jitressaq bħala konvenut ma tista'

33 — Sentenza tal-10 ta' Ottubru 2013, Spedition Welter (C-306/12, EU:C:2013:650, punt 19). Korsiv miżjud minni.

34 — Sentenza tal-10 ta' Ottubru 2013, Spedition Welter (C-306/12, EU:C:2013:650, punt 20).

35 — Sentenza tal-10 ta' Ottubru 2013, Spedition Welter (C-306/12, EU:C:2013:650, punt 21).

36 — Sentenza tal-10 ta' Ottubru 2013, Spedition Welter (C-306/12, EU:C:2013:650, punt 22). Korsiv miżjud minni.

37 — Fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Spedition Welter (C-306/12, EU:C:2013:359), l-Avukat Ġenerali Cruz Villalón enfasizza li "[l]-għan tar-rappreżentanza […] la huwa dak ta' difiża fi proċeduri, u lanqas ma huwa r-rappreżentanza ġenerali […] quddiem il-qrati […]. Ir-rappreżentanza […] hija limitata għan-notifika ta' atti ġudizzjarji, mingħajr ma tiġi affettwata fl-ebda mument il-kwalità [tal-impriża ta' assigurazzjoni] bħala konvenuta, u inqas u inqas it-termini li fihom tista' teżerċita d-difiża tagħha" (punt 17 tal-imsemmija konklużjonijiet). Madankollu, fil-kawża Spedition Welter, l-azzjoni li toriġina mir-rinviju għal deċiżjoni preliminari kienet indirizzata b'mod ċar kontra l-impriża tal-assigurazzjoni biss.

tiddependi bl-ebda mod mir-rabta kuntrattwali li tgħaqqdu mal-impriża ta' assigurazzjoni. L-istess japplika għall-prevedibbiltà tal-modi u tal-proċeduri ta' kumpens implementati mid-Direttiva 2000/26 għall-benefiċċju tal-vittmi. Fi kliem ieħor, din id-direttiva stabbilixxiet tip ta' rappreżentanza legali li ma jistax jiġi previst li tkun tista' tiġi mxekkla mis-sempliċi rieda tal-partijiet.

32. Kieku l-Qorti tal-Ġustizzja kellha tagħti risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju, dan ikun jipperikola, bħalma ssostni l-Kummissjoni, "il-bilanċ delikat li jikkaratterizza d-dispożizzjonijiet ta' ġurisdizzjoni internazzjonali u ta' liġi applikabbli fil-każijiet ta' azzjonijiet ta' talba għal danni kkawżati minn inċidenti tat-traffiku b'konnessjonijiet transkonfinali" [38]?

33. Ma naħsibx li dan huwa l-każ. It-tħassib tal-leġiżlatur fir-rigward tar-regoli tad-dritt internazzjonali privat u tad-determinazzjoni tal-ġurisdizzjoni huwa leġittimu meta l-azzjoni titressaq kontra l-impriża tal-assigurazzjoni. Id-domanda magħmula llum madankollu hija differenti peress li din la tirrigwarda d-determinazzjoni tal-qorti li għandha ġurisdizzjoni u lanqas tal-liġi applikabbli għall-kawża. Din tirrigwarda sempliċiment id-determinazzjoni ta' jekk ir-rappreżentant inkarigat mir-riżoluzzjoni ta' tilwim jistax ikollu l-kwalità ta' konvenut. Inċidentalment, ir-risposta li l-Qorti tal-Ġustizzja se tagħti lill-qorti odjerna bl-ebda mod ma tippreġudika l-istabbiliment tal-ġurisdizzjoni tal-qrati Portugiżi, bħalma jixhed il-fatt li dan huwa diskuss bejn il-partijiet fil-kawża prinċipali minħabba l-inċertezza fir-rigward tal-Istat Membru ta' residenza reali ta' wieħed mir-rikorrenti. Il-kwalità li jiddefendi hija għalhekk tassew kunċett distint minn dak tal-ġurisdizzjoni. Minkejja li wieħed għandu jsostni l-kuntrarju, il-previżjoni prevista fl-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2000/26, li skontha r-rappreżentant għall-pretensjonijiet għandu jkollu "poteri biżżejjed [setgħat suffiċjenti]" biex jissodisfa bis-sħiħ it-talbiet għal kumpens tal-vittmi, tista' tidher bħala dispożizzjoni ta' ġurisdizzjoni speċjali – anki b'mod impliċitu – meta mqabbla mar-regoli li jirregolaw il-ġurisdizzjoni internazzjonali [39]. Madankollu, u b'kunsiderazzjoni tal-insistenza tal-leġiżlatur f'dan ir-rigward, jista' jidher prudenti li jitfakkar dan il-limitu.

34. Għalhekk, għar-raġunijiet preċedenti kollha, jien tal-opinjoni li l-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2000/26 għandu jiġi interpretat fis-sens li fost is-setgħat li għandu jkollu r-rappreżentant għall-pretensjonijiet hemm il-kapaċità li jitħarrek, bħala konvenut, fil-kuntest ta' kawża mressqa minn vittmi ta' inċidenti tat-traffiku imsemmija fl-Artikolu 1(1) ta' din id-direttiva suġġett għall-kundizzjonijiet previsti minn din tal-aħħar, hekk kif il-klawżoli tal-kuntratt li jorbot lill-impriża ta' assigurazzjoni mar-rappreżentant ma jkunux jistgħu jaffettwaw l-kwalità ta' dan tal-aħħar li jiddefendi lilu nnifsu.

III – Konklużjoni

35. Fir-rigward tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħti risposta kif ġej għad-domandi preliminari magħmula mit-Tribunal da Relação do Porto (qorti tal-appell ta' Porto, il-Portugall):

L-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2000/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Mejju 2000, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward l-assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE u 88/357/KEE (Ir-Raba' Direttiva dwar assigurazzjoni għall-vetturi) għandu jiġi interpretat fis-sens li, fost is-setgħat suffiċjenti li għandu jkollu r-rappreżentant għall-pretensjonijiet hemm il-kapaċità li jitħarrek, bħala konvenut, fil-kuntest ta' kawża mressqa minn vittmi ta' inċidenti tat-traffiku imsemmija

38 — Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Cruz Villalón fil-kawża Spedition Welter (C-306/12, EU:C:2013:359, punt 29).

39 — Fi kliem ieħor, l-ordni li r-rappreżentant għall-pretensjonijiet jingħata setgħat suffiċjenti biex jissodisfa bis-sħiħ it-talbiet tal-vittmi tant hija qawwija li ma jagħmilx sens li tiġi interpretata b'mod li din ma tagħtix il-possibbiltà lil dawn il-vittmi li jħarrku lill-imsemmi rappreżentant.

fl-Artikolu 1(1) ta' din id-direttiva suġġett għall-kundizzjonijiet previsti minn din tal-aħħar, peress li l-klawżoli tal-kuntratt li jorbot lill-impriża ta' assigurazzjoni mar-rappreżentant ma jkunux jistgħu jaffettwaw il-kwalità ta' dan tal-aħħar li jiddefendi lilu nnifsu.